



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0380/2012**

16.11.2012

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda  
(COM(2012)0538 – C7-0300/2012 – 2012/2237(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: José Manuel Fernandes

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	4
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	9

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-  
punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew,  
il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni  
finanzjarja soda  
(COM(2012)0538 – C7-0300/2012 – 2012/2237(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0538 – C7-0300/2012),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-punt 26,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni dwar il-Fond ta' Solidarjetà fis-17 ta' Lulju 2008,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0380/2012),
1. Japprova d-deċiżjoni mehmuża ma' din il-riżoluzzjoni;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

## ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-...

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda<sup>1</sup>, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidraw il-proposti mill-Kummissjoni<sup>3</sup>,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") biex tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn katastrofi.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-Fond.
- (4) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn sensiela ta' terremoti fl-Italja.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 670 192 359 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

<sup>3</sup> ĠU C [...], [...], p. [...] u ĠU C [...], [...], p. [...]

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE jiġi mmobilizzat favur l-Italja abbażi tal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006. Il-Ftehim Interistituzzjonali jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun. Din hija t-tieni proposta biex jiġi mmobilizzat il-Fond fl-2012.

B'mod parallel ma' din il-proposta għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà favur l-Italja, il-Kummissjoni ppreżentat abbozz ta' baġit emendatorju (ABE Nru 5/2012 tad-19 ta' Settembru 2012) sabiex fil-baġit tal-2012 jiddaħħlu l-appropriazzjonijiet korrispondenti ta' impenn u ta' pagament kif previst fil-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

L-Italja applikat għal assistenza mill-Fond wara serje ta' terremoti fl-Italja f'Mejju 2012. Fl-20 ta' Mejju 2012, terremot qawwi b'kobar 5.9 fuq l-iskala Richter affettwa partijiet vasti tat-Tramuntana tal-Italja u kkawża ħsarat kbar f'ħafna bliet u rħula b'mod partikolari madwar l-epiċentru, l-iktar fil-provinċji ta' Modena u Ferrara fir-reġjun tal-Emilia-Romagna. Fid-29 ta' Mejju, seħħ it-tieni terremot qawwi b'kobar ta' 5.8 fuq l-iskala Richter bl-epiċentru f'it lejn il-Punent. Iż-żewġ avvenimenti ġew segwiti b'bosta theżżiżiet sekondarji serji. It-terremoti kkawżaw 27 mewt, filwaqt li huwa stmat li 350 persuna ndarbu u aktar minn 45 000 ruħ kellhom jiġu evakwati. Saret ħsara serja u mifruxa lill-bini, lill-infrastruttura, lin-negozji, lill-faċilitajiet industrijali, lill-agrikoltura u lis-settur importanti tal-patrimonju kulturali.

L-awtoritajiet Taljani stmaw li l-ħsara diretta totali hija ta' EUR 13 273 736 063. Dan l-ammont jirrappreżenta 0.86 % tal-ING tal-Italja u jaqbeż bi kważi erba' darbiet il-limitu minimu għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà, li huwa EUR 3 607 miljun (jiġifieri EUR 6 biljun fi prezzijiet tal-2002), applikabbli għall-Italja fl-2012. Billi l-ħsara diretta totali stmata taqbeż il-limitu minimu, id-diżastru jikkwalifika bħala “diżastru naturali maġġuri” u għaldaqstant huwa kopert fil-qasam prinċipali ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

Wara li ġie vverifikat li din l-applikazzjoni tikkonforma mal-kriterji ta' eliġibilità tar-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002, il-Kummissjoni pproponiet li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għall-ammont totali ta' **EUR 670 192 359** f'appropriazzjonijiet ta' impenn u f'appropriazzjonijiet ta' pagament.

Il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li tirrialloka s-somma ta' **EUR 670 192 359** f'appropriazzjonijiet ta' ħlasijiet **mill-linja tal-baġit 13 06 01** taħt l-Intestatura 3b tal-Qafas Finanzjarju stabbilit għar-rijallokazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri.

*Ċifri – Fond ta' Solidarjetà*

(EUR)

	Ħsara diretta aċċettata	Limitu minimu	Ammont ibbażat fuq 2.5 %	Ammont ibbażat fuq 6 %	Ammont totali tal-għajnuna proposta
--	----------------------------	---------------	-----------------------------	------------------------------	-------------------------------------------

Italja - terremoti 2012	<i>13.113.498 miljun</i>	<i>3 606 miljun</i>	<b>90 165 575</b>	<i>580 026 784</i>	<b>670 192 359</b>
<b>Total</b>					<b>670 192 359</b>

Skont il-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, meta tkun qed tippreżenta din il-proposta biex tuża l-Fond, il-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura ssimplifikata ta' trilogu bil-għan li tiżgura l-qbil taż-żewġ ferġat tal-Awtorità Baġitarja dwar il-ħtieġa li l-Fond jintuża u dwar l-ammont meħtieġ.

Ir-Rapporteur jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni annessa ma' dan ir-rapport.

**TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU**

Qafas finanzjarju Intestatura/sottointestatura	Qafas finanzjarju 2012		Baġit 2012 (inklużi BE 1-3/2012 u ABE 4/2012)		ABE 5/2012		Baġit 2012 (inklużi BE 1-3/2012 u ABE 4-5/2012)	
	AI	AP	AI	AP	AI	AP	AI	AP
<b>1. TKABBIR SOSTENIBBLI</b>								
1a. Kompetittività għat- <b>tkabbir</b> u l-impjiegi	14 853 000 000		15 403 000 000	11 482 916 106			15 403 000 000	11 482 916 106
<i>Marġni</i>			-50 000 000				-50 000 000	
1b. Koeżjoni għat- <b>tkabbir</b> u l-impjiegi	52 761 000 000		52 752 576 141	43 835 746 321			52 752 576 141	43 835 746 321
<i>Marġni</i>			8 423 859				8 423 859	
<b>Total</b>	<b>67 614 000 000</b>		<b>68 155 576 141</b>	<b>55 318 662 427</b>			<b>68 155 576 141</b>	<b>55 318 662 427</b>
<i>Marġni<sup>1</sup></i>			-41 576 141				-41 576 141	
<b>2. KONSERVAZZJONI U ĠESTJONI TAR- RIŻORSI NATURALI</b>								
Li minnhom infiq relatat mas-suq u pagamenti diretti	48 093 000 000		43 969 637 305	43 875 978 049			43 969 637 305	43 875 978 049
<b>Total</b>	<b>60 810 000 000</b>		<b>59 975 774 185</b>	<b>57 034 220 262</b>			<b>59 975 774 185</b>	<b>57 034 220 262</b>
<i>Marġni</i>			834 225 815				834 225 815	
<b>3. ĊITTADINANZA, LIBERTA', SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA</b>								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	1 406 000 000		1 367 806 560	835 577 878			1 367 806 560	835 577 878
<i>Marġni</i>			38 193 440				38 193 440	
3b. Ċittadinanza	699 000 000		715 498 462	666 761 862	670 192 359	670 192 359	1 385 690 821	1 336 954 221
<i>Marġni</i>			1 563 220				1 563 220	
<b>Total</b>	<b>2 105 000 000</b>		<b>2 083 305 022</b>	<b>1 502 339 740</b>	<b>670 192 359</b>	<b>670 192 359</b>	<b>2 753 497 381</b>	<b>2 172 532 099</b>
<i>Marġni<sup>2</sup></i>			39 756 660				39 756 660	
<b>4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI</b>								
<i>Marġni<sup>3</sup></i>	<b>8 997 000 000</b>		<b>9 405 937 000</b>	<b>6 955 083 523</b>			<b>9 405 937 000</b>	<b>6 955 083 523</b>
			-150 000 000				-150 000 000	
<b>5. AMMINISTRAZZJONI</b>								
<i>Marġni<sup>4</sup></i>	<b>8523 000 000</b>		<b>8 279 641 996</b>	<b>8 277 736 996</b>			<b>8 279 641 996</b>	<b>8 277 736 996</b>
			327 358 004				327 358 004	
<b>TOTAL</b>	<b>148 049 000 000</b>	<b>141 360 000 000</b>	<b>147 900 234 344</b>	<b>129 088 042 948</b>	<b>670 192 359</b>	<b>670 192 359</b>	<b>148 570 426 703</b>	<b>129 758 235 307</b>
<i>Marġni</i>			1 209 764 338	12 445 957 052			1 209 764 338	12 445 957 052

<sup>1</sup> Il-Fond Ewropew ta' aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) mhuwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġni fl-Intestatura 1a (EUR 500 miljun). EUR 50 miljun 'il fuq mil-limitu massimu huma ffinanzjati bil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

<sup>2</sup> L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea iddaħħal apparti l-intestaturi rilevanti kif previst fil-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

<sup>3</sup> Il-marġni tal-2012 għall-intestatura 4 ma jikkunsidrax l-appropriazzjonijiet relatati mar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EUR 258,9 miljun). EUR 150 miljun 'il fuq mil-limitu massimu huma ffinanzjati bil-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

<sup>4</sup> Għall-kalkolu tal-marġni taħt il-limitu massimu tal-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 84 miljun għall-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjonijiet.



## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	15.11.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 30 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Jan Mulder, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Jaroslav Paška, Peter Šťastný, Georgios Stavrakakis, Nils Torvalds